MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Numru 11/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 11 tas-sena 2002, kontra l-akkuzat Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla**, li bih huwa gie akkuzat talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **kien ilu jghix Malta mis-sena elf disgha mija hamsa w disghin, wara li kien kiseb ic-cittadinanza Maltija minhabba li kien izzewweg mara Maltija, Victoria Mugliett. Izda snin wara issepara mill-imsemmija martu w mar joqghod ma' habiba tieghu, Evelyn Borg, gewwa**

**Birzebbugia, wara li kien qatta' zmien twil jghix gewwa r-Rabat, Malta.**
**Matul dan il-perjodu ta' residenza f'Malta, Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **ghamel konoxxenza ma' Mohammed Abusetta ta' nazzjonalita' Libjana. Dan kien iltaqa' mieghu lejn il-bidu tas-sena elfejn fil-vicinanzi tax-Xatt tal-Belt. Fil-fatt kien certu Hasan, habib ta' Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla**, li laqaghhom flimkien. Tant saru hbieb li ghal xi zmien Abusetta spicca anke jorqod fid-dar ta' Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **li allura kellu f'numru 117, College Street, Rabat.**

**Gara li, ghall-habta tal-bidu ta' Settembru tas-sena 2000, Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **kien ta struzzjonijiet lil Abusetta sabiex dana jmur il-Marokk fejn kellu jiltaqa' ma' certu Adel, konoxxenza antika ta' Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla**, u minn hemmhekk inizzel mieghu Malta bagalja li allura kien ghadu ma jafx x'kellu ikun hemm fiha. Kif appena jasal Malta, Abusetta kellu jiltaqa' ma'** Gharsalla **x'il-hamsa ta' filghaxija hdejn ic-Chalet tas-Sliema, fejn kellha issir il-konsenja. Adel u** Gharsalla **kienu midhla sew fid-dinja tat-traffiku tad-droga f'Malta w barra minn Malta. Abusetta, pero' kien ghadu ma jafx lil Adel; anzi, lanqas biss kien ghadu jafu minn wiccu. B'danakollu, Abusetta accetta li jitla' l-Marokk, hekk kif kien talbu jaghmel** Gharsalla**, wara li dan hallaslu l-ispejjez tat-tragitt permezz ta' titjira tal-Air Malta, ammontanti ghal mija w hamsin Lira w ghaxar centezmi. Gewwa l-Marokk, Abusetta kellu jaghmel kuntatt ma' Adel. Adel kellu jaghraf lil Abusetta permezz ta' dettalji w ritratti li** Gharsalla **kellu jaghtih ta' Abusetta.**

**Fil-fatt hekk gara, ghax bejn it-tnax u t-tlettax ta' Settembru tas-sena 2000, Abusetta iltaqa' ma' Adel gewwa Casablanca, fl-inhawi tal-ajruport ta' hemmhekk kif ukoll gewwa lukanda jisimha Muwahhedin. Hemmhekk Adel ta bagalja lil Abusetta w qallu biex igibha Malta w jaghtiha lil** Gharsalla**. Kien hawn li Abusetta sar jaf li fil-bagalja kien hemm**

**kwantita' enormi tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u kien hawn li Abusetta thajjar li jissieheb kemm ma' Adel kif ukoll ma'** Gharsalla **sabiex idahhal droga f'Malta bil-ghan li tigi hawn traffikata w bit-tama li jiehu xi sehem mir-rikavat taghha.**

**B'din ix-xjenza kollha li Abusetta issa kellu, u bil-mezzi kollha hekk ikkumbinati bejnhom it-tlieta, kienet twieldet assocjazzjoni bejniethom it-tlieta sabiex tigi traffikata droga hawn Malta w anke barra minn Malta.**

**Izda, l-istess assocjazzjoni, kif ser jigi allegat fil-kap immedjatament wara dan, giet sfrattata mill-Pulizija Maltija meta Abusetta inqabad fil-fatt jimporta f'Malta kwantita' kbira tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w**

**immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi bhala parti mill-esekuzzjoni tal-assocjazzjoni miftehema bejn** Gharsalla **Adel u, aktar tard, anke Abusetta, fil-mezzi kkumbinati bejniethom, nhar l-ghoxrin ta' Settembru tas-sena 2000, Abusetta kien fuq titjira lejn Malta mill-Marokk.**

**Kif wasal Malta ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar huwa, wara tfittxija li saritlu mill-Ufficjali tad-Dwana, instab fil-pussess ta' cirka kilo w nofs raza mehuda mill-pjanta cannabis, mohbija f'bagalja li kien qieghed igorr u destinata ghal** Gharsalla**.**

**Abusetta kien gab dik ir-raza mill-Marokk, u precizament ha pussess taghha minghand Adel.**

**Abusetta kien mibghut minn** Gharsalla**, pero' fil-bidu Abusetta ma kienx jaf x'kellu igib lura mieghu f'Malta ghal** Gharsalla**. Dan sar jaf biss meta ltaqa' ma' Adel, u dan gharrfu b'kollox ad insaputa tal-istess** Gharsalla**.**

**Kien** Gharsalla **li hallas il-vjagg ghal Abusetta. Kien** Gharsalla **li ma qalx kollox lil Abusetta, izda semplicement talbu jaghmillu favur jitla' sal-Marokk, jiltaqa' ma' Adel u jnizzel lura Malta bagalja li ma kellux ikun jaf x'fiha, sabiex imbaghad, darba lura Malta, jikkonsenjahielu gewwa tas-Sliema w jikkonkludu t-transazzjoni.**

Gharsalla**, sakemm Abusetta jasal lura Malta w jikkonsenjalu l-bagalja, kien intenzzjonat li jghin u jassisti lill-istess Abusetta b'kull mod li jkun sabiex**

**ma jinqabadx; naturalment ghall-interessi purament egoistici tal-istess** Gharsalla**.**

**Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, w ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.**

**B'hekk,** Gharsalla **irrenda ruhu komplici ma' Abusetta fl-importazzjoni kontra l-ligi ta' Malta tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, destinata sabiex tigi traffikata lokalment.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **hati ta' komplicita' fid-delitt ta' importazzjoni f'Malta tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u cioe' talli ta istruzzjonijiet biex isir id-delitt, u gieghel li l-istess delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, maniggi w eghmil qarrieqi, kif ukoll b'xi mod li jkun, xjentement ghen, jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, u xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkumpensah.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 42(b)(d)(e), 43, 44, 45, 46, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond**

**il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat;**

**3) Bejn l-20 ta' Settembru u t-tlettax t'Ottubru tas-sena 2000, in segwitu ghal tfittxija li l-Pulizija Maltija ghamlet gewwa r-residenza ta' Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **fir-residenza tieghu f'Birzebbugia fuq precitata, fejn, fost affarijiet ohra, gew elevati anke ritratt ta' Abusetta, l-istess** Gharsalla **kien fil-pussess xjenti ta' madwar elf u disa' mitt Dollaru Amerikan, stakkati gewwa attache' case sewda, flimkien ma' hames mitt dollaru iehor Amerikan misjuba f'diversi parti fl-istess residenza.**

**Ghalkemm** Gharsalla **kien ilu residenti hawn Malta w kellu anke ic-cittadinanza Maltija, huwa ma kellu ebda nomina ufficjali ta' negozjant awtorizzat ghall-fini tal-ligi Dwar il-Kontroll fuq il-Kambju. Di fatti, uhud mill-imsemmija ammonti ta' Dollari Amerikani kienu gew, jiem qabel, imhallsa lilu mislufa lill-istess** Gharsalla**. Dan** Gharsalla **wkoll, qatt ma offra, jew ra li jigu offerti ghall-bejgh, kif kien tenut li jaghmel skond l-imsemmija ligi, l-istess Dollari Amerikani lil xi negozjant awtorizzat.**

**B'hekk ukoll, l-imsemmi** Gharsalla **irrenda ruhu hati talli, bhala persuna li ma kienitx negozjant awtorizzat, kellu l-pussess ta' jew il-kontroll fuq flus barranin f'<alta minghajr qatt ma kellu l-kunsens tal-Ministru sabiex izommhom jew juzahom.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mohamed Abdulla Gilani** Gharsalla **hati talli, bhala persuna li ma kienitx negozjant awtorizzat, kellu l-pussess ta' jew il-kontroll fuq flus barranin f'Malta minghajr qatt ma kellu l-kunsens tal-Ministru sabiex izommhom jew juzahom.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' multa ta' mhux izjed minn elfejn lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew dik il-multa w prigunerija**

**flimkien, jew, trattandosi ta' reat li ghandu x'jaqsam ma' flus, multa li ma tkunx iktar minn tlett darbiet l-ammont jew il-valur tal-flus, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1), 8, 11(1), 39, 41 u 42 tal-Att Dwar il-Kontroll fuq il-Kambju (Kap. 233) u fl-artikoli 17(b)(c), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-tmintax (18) ta' Gunju, 2004 li biha rtira w ceda t-Tielet Kap. tal-Att tal-Akkuza;**

**Rat il-verdett tal-gurati tat-18 ta' Gunju, 2004 li bih, b'seba (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla mhux hati tal-Ewwel Kap. tal-Att ta' l-Akkuza, u li bih b'seba (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-istess Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla mhux hati tat-Tieni Kap. tal-Att ta' l-Akkuza.**

**Tiddikjara ghalhekk lil Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla mhux hati tal-Ewwel Kap. tal-Att ta' l-Akkuza.**
**Tiddikjara ukoll lil Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla mhux hati tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.**
**Tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza stante li dan gie rtirat u cedut mill-Avukat Generali bin-nota tieghu tal-lum stess kif fuq intqal.**

**Rat l-artikolu 487 tal-Kap. 9 u tiddikjara lill-akkuzat mehlus u tordna li, jekk ma hux detenut ghal ragunijiet ohra, jigi lliberat………..**

**DIGRIET**

Illum 18 ta' Gunju, 2004

**Il-Qorti,**

**Rat l-artikolu 523 tal-Kodici Kriminali;**

**Peress li mix-xhieda tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Mohamed Mohamed Abusetta moghtija quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-16 u tas-17 ta' Gunju, 2004, jidher li l-istess xhud seta halef il-falz quddiem Magistrat fil-kawza tieghu stess fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2000, kif ukoll seta halef il-falz f'din il-kawza kemm fil-kors tal-kumpilazzjoni kontra l-akkuzat kif ukoll fil-kors ta' dan il-guri, kif ukoll jidher ukoll li seta kien hati ta' kalunnja kontra l-istess akkuzat odjern skond l-artikolu 101 tal-Kap. 9;**

**Tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-kaz ulterjorment biex jara hemmx lok ghal xi proceduri kriminali kontra l-istess Mohamed Mohamed Abusetta ghall-ksur ta' xi wiehed jew aktar mir-reati kontemplati fl-artikoli 101, 104, 105, u 108 tal-Kodici Kriminali skond il-ligi, u f'kaz affermattiv, li jipprocedi kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-kumpilazzjoni mehtiega.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------